31981R1946

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1946/81
tat-30 ta' Ġunju 1981
li jirrestrinġi l-għajnuniet ta' investiment għall-produzzjoni tal-ħalib

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi Artikolu 8(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/159/KEE tas-17 ta' April 1972 fuq il-modernizzazzjonijiet ta' l-iriezett ([4]), kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 81/528/KEE ([5]), jipprovdi għall-għoti ta' għajnuna għall-investimenti meħtieġa għat-twettiq ta' pjan ta' żvilupp; billi, biex jitqies l-oġġettiv ta' l-ekwilibriju tas-suq fil-Komunità, m'għandiex tingħata għajnuna għall-investiment fil-produzzjoni tal-ħalib ħlief taħt ċerti kondizzzjonijiet speċifiċi.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għajnuniet għall-investiment fil-produzzjoni tal-ħalib għandhom ikunu projbiti ħlief fil-każ ta' dawk mogħtija lill-bdiewa li jimplimentaw pjan ta' żvilupp skond id-Direttiva 72/159/KEE, jew pjanijiet ta' titjib ta' l-irżiezet fil-qafas ta' miżuri komuni.

2. L-għajnuniet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu limitati għall-investiment b'tali mod li jippermetti li jintlaħaq id-dħul magħmul paragunabbli definit f'Artikolu 4(2) tad-Direttiva 72/159/KEE għal numru massimu ta' 1.5 unitajiet ta' xogħol il-bniedem kull razzett, u għandhom ikunu suġġetti għal kondizzjoni li l-investiment ma jżidx in-numru ta' baqar tal-ħalib fl-aħħar tal-pjan għal iżjed minn 40 kull unità ta' xogħol il-bniedem.

Iżda, għal iriezett b'iżjed minn 1.5 unitajiet ta' xogħol il-bniedem, jistgħu jingħataw għajnuniet għall-investimenti b'tali mod li jippermettu ż-żieda fin-numru ta' baqar tal-ħalib b'mhux iżjed minn 15 % fl-aħħar tal-pjan.

3. L-Istati Membri huma awtorizzati li jagħtu għajnuniet ta' investiment lil bdiewa li ma jippreżentawx pjan ta' l-iżvilupp sakemm l-investiment ma jżidx in-numru ta' baqar tal-ħalib għal iżjed minn 40 kull razzett.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-30 ta' Ġunju 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BRAKS

([1]) ĠU Ċ 124, tas-17.5.1979, p. 1.
([2]) ĠU Ċ 85, tat-8.4.1980, p. 57.
([3]) ĠU Ċ 53, tat-3.3.1980, p. 22.
([4]) ĠU L 96, tat-23.4.1972, p. 1.
([5]) Ara paġna 41 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali